MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2010

Numru. 1519/2007

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**ALLISTER CAMILLERI, ta’ 30 sena bin John u Concetta nee’ Grima imwieled Pieta’ mnhar il-15 ta’ Frar 1980 u li joqghod no.46, Triq San Tumas, Hamrun, detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 150180(M)**

**U**

**ANTHONY CUTAJAR ta’ 39 sena, iben Generoso u Rita nee’ Pulo’, imwieled Pieta’ nhar it-30 ta’ Novembru 1970 u li joqghod 46, Triq San Tumas, hamrun detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 518270(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputati gew akkuzati :

1. talli nhar il-Gimgha is-7 ta' Dicembru 2007 ghal habta tas-1:20p.m. fit-triq ir-Ridott, Marsaskala, ikkomettew serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Francis Patricia Chakravartty ta' 75 sena ta' nazzjonalita' Ingliza u liema handbag u affarijiet personali jiswew aktar minn Lm100 (mitt lira maltin) izda inqas minn Lm1000 (elf lira maltin) ghad-dannu ta' Francis Patricia Chakravartty, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur.

2. talli fl-istess data u cirkostanzi f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement kull mod li jkun indahhlu sabiex ibieghhom.

3. Allister Camilleri wahdu akkuzat talli nhar il-Gimgha 7 ta' Dicembru 2007 ghal habta tas-1:20p.m. fit-Triq ir-Ridott Marsakala minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra u cioe' Frances Patricia Chakravartty ta' 75 sena, billi wara li gibdilha u hafilha l-handbag, waqqha fl-art u ikkagunalha feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika t-tabib tal-Health Center ta' Rahal il-Gdid Dr. A. Pullicino M.D.

4. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez b'periklu li jahbat ma' xi hadd u iwegghu.

5. akkuzat ukoll talli fl-istess data gewwa id-Depot tal-Pulizija l-Furjana wara li kien gie ikundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricetazzjoni b'sentenza instab fil-pussess ta' ghoddod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, u cioe' tlett turnaviti minghajr ma tgha kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu f'dak iz-zmien.

6. akkuzat fl-ahharnett Allister Camilleri wahdu li sar recidiv ai termini ta'l-artikolu 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva  u ma tistax tigi mibdula.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti,

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali tas-17 ta' Lulju 2008.

Semghet illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati jinsabu akkuzati bir-reat ta' serq imsejjah komunament bhala *snatch and grab*. Dana sehh fuq persuna anzjana ta' hamsa u sebghin sena ta' nazzjonalita' Ingliza gewwa Marsaskala. Fiz-zmien il-kummissjoni ta' dana ir-reat jidher illi l-imputati kienu ighixu flimkien gewwa il-Hamrun fir-residenza ta'l-imputat Anthony Cutajar. Cutajar madanakollu kien esprima x-xewqa illi Camilleri isib residenza alternattiva u ghalhekk fl-ghodwa tal-gurnata tas-7 ta' Dicembru, 2007, huma harrgu sabiex ifittxu appartament ghal Camilleri. Huma irhewhla lejn Marsaskala bil-vettura ta' Camilleri, izda saq Cutajar minhabba illi dana esprima x-xewqa li isuq hu u sabiex Camilleri ikun jista' joqghod ghassa ghal xi avvizi ta' appartamenti ghal kiri. Dana peress illi Cutajar ma jafx jaqra.

Kif waslu Marsaskala, huma bdew b'din it-tfittxija. Minn dak li jistqarr Cutajar kemm fix-xhieda tieghu quddiem dina l-Qorti kif ukoll fl-istqarrija rilaxxjata minnu meta gie interrogat[1], jidher illi Camilleri f'xi hin tallbu sabiex jinzel jaghmel il-bzonnijiet tieghu u dana ghalhekk waqqaf il-

[1] Ara Dokument AP6 u AP7 a fols.28 u 31 kif ukoll xhieda ta' Anthony Cutajar a fol.210

karozza. Camilleri nizel u wara xi hin huwa irritorna u qallu sabiex isuq. Cutajar hekk ghamel, izda ighid illi kif wasslu iz-Zejtun huma gew intercettati mill-pulizija li waqqfuhom u hawnhekk Cutajar ighid li intebah b'dak li kien ghamel Camilleri.

Fil-fatt jirrizulta illi fil-hin illi Camilleri nizel mill-vettura sabiex allegatament jaghmel il-bzonnijiet tieghu huwa lemah dina il-mara anzjana li kienet ghaddejja fuq il-bankina b'xi basktijiet tax-xiri u bil-handbag taghha. Huwa aggrediha gibdilha il-handbag, kaxkarha sakemm dina waqghet fl-art meta imbaghad irnexxielu jisirqilha il-handbag u harab minn fuq il-post. Gara madanakollu illi dak il-hin inzerta ghaddej is-suldat 86193 Raymond Demanuele li ra dana kollu isehh quddiem ghajnejh. Mar jigri wara Camilleri sakemm wasal hdejn il-karozza fejn kien qed jistennieh Cutajar. Dana dahal fil-vettura u il-vettura saqet minn fuq il-post. Dana is-suldat irnexxielu jiehu in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura u anke innota l-ghamla u il-kulur ta'l-istess u minnufih huwa cempel il-pulizija u ghamel ir-rapport.[2] Kien ghalhekk illi l-iskwadra mobbli li kienet ghassa dak il-hin fl-akkwati giet infurmata b'dana u bdiet it-tfittixija fejn imbaghad kif inghad iktar 'il fuq iz-zewg imputati gew intercettati gewwa iz-Zejtun precisament gewwa Triq Dahhlet San Pawl. Illi dana is-suldat identifika liz-zewg imputati fil-Qorti u cioe' identifika lill-imputat Allistair Camilleri bhala il-persuna li ikkomettiet is-serq tal-handbag minn fuq il-persuna ta' Patricia Chakravarrty u lill-imputat Anthony Cutajar bhala il-persuna li kien qieghed isuq il-vettura.

Illi mit-tfittxija li saret fuq il-persuni ta'l-imputati meta dawna gew imwaqqfa mill-pulizija, l-oggetti misruqa instabu fuq il-persuna ta'l-imputat Allister Camilleri.[3] Il-handbag jidher illi gie mormi u instab minn persuna injota li irritornah lill-vittma. Fuq il-persuna ta' Allistair Camilleri instab il-mobile phone appartenenti lill-vittma u xi ammont ta' flus (madwar Lm80). Illi l-imputat Camilleri ma xehedx quddiem il-Qorti u ma wiegeb ghall-ebda

---

[2] Ara xhieda ta' Raymond Demanuele a fol.54 et.seq.

[3] Ara xhieda ta' PC 1176 Kurt Zahra a fol.115

mistoqsija li saritlu meta gie interrogat. Illi irrizulta ukoll mill-provi illi z-zewg imputati ghandhom il-vizzju tad-droga u li x'aktarx illi l-kummissjoni ta' dana ir-reat kien relatat ma'dana l-abbuz.

Illi minn dana il-kwadru tal-fatti jirrizulta ampjament ippruvat l-involviment ta'l-imputat Allister Camilleri fil-kummissjoni ta' dana ir-reat u dana ghas-segwenti ragunijiet:

1. L-imputat Camilleri gie identifikat minn xhud okulari li rah jikkometti dana id-delitt u baqa' isegwieh sakemm huwa harab fil-vettura misjuqa minn Cutajar.

2. Meta gie intercettat mill-pulizija ftit tal-hin wara fuqu instabu xi oggetti li insterqu minn fuq il-persuna tal-vittma.

3. Illi ghalkemm il-vittma ma kenitx f'pozizzjoni tidentifika l-aggressur taghha, madanakollu taghti deskrizzjoni tieghu li tixbah ferm lill-persuna ta' Camilleri.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-imputat Camilleri huwa hati ta'l-akkuzi ta' serq migjuba fil-konfront tieghu kif ukoll li ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Patricia Chakraverty meta huwa waqqaghha fl-art sabiex jisraqha u dana skond kif gie iccertifikat minn Dr. Alexandra Baldacchino li ikkonfermat kif ukoll xehdet f'dawn il-proceduri[4]. Illi l-akkuza ta' ricettazzjoni tidher li inghatat bhala kap alternattiv ghall-ewwel imputazzjoni u ghalhekk dina l-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza. Illi fil-fatt min-nota ta' rinviju ta' l-Avukat Generali jidher illi fir-rigward ta'l-imputat Allister Camilleri tista' tinstab htija fir-rigward tar-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza, bil-valur u bil-hin. Illi ghar-rigward ta'l-aggravju tal-vjolenza dana certament gie ippruvat u dana peress illi l-vittma sofríet offiza fuq il-persuna taghha waqt il-kummissjoni ta' dan ir-reat. Illi inoltre mix-xhieda tal-vittma jirrizulta illi l-oggetti li insterqula bhala valur jammnotaw ghal iktar minn Lm100 u dana meta wiehed iqies illi insteraq mobile phone u Lm50 fost affarijiet ohra f'dina s-

[4] Ara certifikat mediku a fol.51 u xhieda tat-tabiba a fol.104

serqa. Madanakollu ghalkemm l-Avukat Generali jindika ukoll l-aggravju tal-hin, irrizulta illi dana r-reat sehh f'hin matul il-gurnata u ghalhekk dana l-aggravju certament ma jsibx applikazzjoni fil-kaz odjern. Illi l-ahhar zewg akkuzi jirrizultaw ippruvati kif ukoll l-akkuza dwar ir-recidiva[5].

Illi l-istess ma jistax jinghad madanakollu dwar l-imputat l-iehor Anthony Cutajar. Cutajar qed jigi akkuzat li huwa komplici fil-kummissjoni ta' dana ir-reat. Illi min-nota ta' rinviju ta'l-Avukat Generali jidher illi l-komplicita f'dana il-kaz qed tigi ikkontemplata taht dak dispost fl-artikolu 42(e ) tal-Kapitolu 9 li jiddisponi testwalment:

**"Persuna titqies komplici f'delitt jekk hija tkun xewxet lil haddiehor inkella sahhet il-volonta tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghdet li wara l-fatt tassistieh, tieqaf mieghu jew tikkompensah**."

Ghalhekk sabiex Cutajar jista' jinstab hati bhala komplici f'dana id-delitt irid jirrizulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi Cutajar kien jaf li Camilleri kien ser iwettaq dana id-delitt, li hu deliberatament ghenu biex iwettaq dana id-delitt billi ghamel dak previst fl-artikolu 42(e ) tal-Kodici Kriminali. Il-fatt wahdu illi Cutajar mar ma' Camilleri u kien anke fuq il-post, jistenna fil-vettura filwaqt illi Camilleri kien qieghed jikkometti dana id-delitt ma ifissirx necessarjament illi huwa kien jaf b'dak li kellu f'mohhu li jaghmel Camilleri f'dak il-mument. Illi kif gie deciz f'sentenza mogthija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-24 ta' Mejju 2002 fil-kawza Il-Pulizija vs Carmelo Agius et.:

**"Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghal komplicita f'dak id-delitt kemm il-darba jkun jirrizulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt."**

---

[5] Ara xhieda ta'l-Ispettur Martin Bayliss u is-sentenza esebieta minnu a fols. 106 et. Seq.

Illi mill-fattispecje ta’ dana il-kaz kif esposti aktar ‘il fuq, dan ‘l hekk imsejjah “*common design*” bejn iz-zewg imputati ma giex ippruvat mill-proskeuzzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Huwa veru illi Cutajar kien prezenti fuq ix-xena tar-reat, izda huwa ighid illi kien qieghed jistenna lil Camilleri li qallu li kien ser jinzel mill-vettura sabiex jaghmel il-bzonnijiet tieghu. Ghalhekk ma hemm l-ebda prova fl-atti tal-kawza illi tindika illi z-zewg imputati kienu miftiehma li kienu ser jikkomettu dana ir-reat u dana minn qabel ma sehh. Cutajar isostni illi huwa ma indunax b’dak illi kien ghamel Camilleri qabel ma gew arrestati. L-Qorti tqis illi dana huwa inverosimili gialdarba Camilleri irritorna fil-vettura bir-res furtiva u ghalhekk huwa impossibbli illi Cutajar ma indunax b’dak illi seta’ ghamel Camilleri jew ghal ta’ l-inqas li ma staqsiex dak illi kien ghamel. Madanakollu anke jekk dana huwa minnu u cioe’ illi Cutajar intebah b’dak illi ghamel Camilleri hekk kif dana rikeb fil-vettura tieghu bl-oggetti misruqa, madanakollu dan ma jikkostitwix prova illi huwa kien miftiehem ma’ Camilleri fil-kummissjoni ta’ dana ir-reat. Illi kemm waqt l-interrogazzjoni kif ukoll fix-xhieda moghtija quddiem l-Qorti, Cutajar baqa’ jaghti l-istess verzjoni. Dina hija l-unika verzjoni li l-Qorti ghandha quddiemha. Ma hemm l-ebda prova ohra fl-atti tal-kawza li tindika il-kuntrarju u cioe’ illi huwa xewwex lil Camilleri jew inkella li sahhah il-volonta’ tieghu sabiex jaghmel dana id-delitt jew li wieghdu li wara il-fatt huwa jaghtih xi assistenza, jieqaf mieghu jew jikkumpensah u dana kif previst fl-artikolu 42(e ) tal-Kapitolu 9 indikat milll-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju fil-konfront ta’ dana l-imputat. Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali, l-Qorti ma ghandha l-ebda triq ohra ghajr li tillibera lill-imputat Anthony Cutajar mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta fil-konfront tal-akkuzat Allister Camilleri, l-Qorti ma tistax tinjora il-fedina penali tieghu li hija wahda piuttost ikkulurita fejn l-imputat kien anke diga gie misjub hati fuq reati simili ghal dawk li illum jinsab akkuzat bihom reati fejn il-vittmi ikunu generalment nies anzjani. Fil-fatt l-imputat Camilleri huwa recidiv skond il-ligi. Inoltre huwa

ghandu problema serja ta’ droga u ghalkemm dina il-Qorti ippruvat matul il-mori ta’ dina il-kawza taghtih l-assistenza mehtiega huwa ma irnexxielux jiehu il-kura li ghandu bzonn. Ghaldaqstant dina l-Qorti ma ghandha l-ebda triq ohra ghajr li timponi fuqu piena karcerarja effettiva.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(a)(c) 262(1)(a)(2), 267, 274(d), 276A, 277(a), 279, 280, 214, 221, 338(c), 287, 49, 50, 51 u 289, 17(h), 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat Anthony Cutajar minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issib lill-imputat Allistair Camilleri hati ta’l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghat-tieni akkuza dwar ricettazzjoni, peress illi dina l-akkuza hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’l-istess u tikkundannah ghal perijodu ta’ erba’ (4) snin prigunerija.

Finalment b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti qed tikkundanna lil hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjes kollha konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dina il-kawza fl-ammont ta’ mija u hamsin euro u tlett centezmi (€150.03).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------